

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10675 – CDPQ / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / ADIA / WCX)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2022/C 122/12)**

1. Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerha l-impriżi li ġejjin:

- Caisse de dépôt et placement du Québec (“CDPQ”, il-Kanada),
- Transurban Holdings Limited (“Transurban”, l-Australja),
- AustralianSuper Pty Ltd (“AustralianSuper”, l-Australja),
- Canada Pension Plan Investment Board (“CPP Investments”, il-Kanada),
- Tawreed Investments Limited (“Tawreed”, il-Gżejjjer Kajman), ikkontrollata minn Abu Dhabi Investment Authority (“ADIA”, l-Emirati Għarab Magħquda)
- WestConnex (“WCX”, l-Australja).

CDPQ, Transurban, AustralianSuper, CPP Investments u Tawreed se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' WCX kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CDPQ hija investitur istituzzjonal fit-tul li tiġġestixxi fondi primarjament għal pensjonijiet pubbliċi u parapubbliċi u pjanijiet ta' assikurazzjoni fil-Provinċja ta' Québec, u primarjament tinvesti fass infrastrutturali,
- Transurban hija kumpanija ta' operatur tat-toroq b'pedaġġ li tiġġestixxi u tiżviluppa networks tat-toroq urbani b'pedaġġ fl-Australja, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka,
- AustralianSuper hija l-akbar fond tal-pensjoni Awstraljan għall-ħaddiema fis-settur industrijal b'attivitajiet ta' investimenti fil-livell dinji,
- CPP Investments hija organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investiment li tinvesti l-fondi ttrasferiti lilha mill-Pjan tal-Pensjoni tal-Kanada, prinċipalment f'ekwitajiet pubbliċi, ekwitajiet privati, proprietà immoblli, infrastruttura u investimenti bi dħul fiss,

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (“ir-Regolament dwar l-Għaqdiet”).

- Tawreed għandha diversi investimenti fl-infrastruttura u tiġġestixxi portafoll ta' investiment fil-livell dinji. ADIA, il-kumpanija prinċipali ta' Tawreed, hija entità tal-gvern u proprjetà tal-Emirat ta' Abu Dhabi li tiġġestixxi portafoll ta' investimenti globali diversifikat,
- WCX hija involuta fl-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' toroq b'pedaġġ f'Sydney, New South Wales.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja tīgħi speċifikata dejjem:

M.10675 – CDPQ / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / WCX

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

(¹) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.